# L-Ewwel Għajnuna

## Ewropea



għat-tfal ta' bejn 5 u 7 snin

żviluppat minn Johanniter International

johanniter international

Imprint

**Ippubblikat minn** Johanniter International ASBL ▪ Intrapriżi tal-Ordnijiet ta’ San Ġwann ▪ Triq Joseph II, 166, 1000 Brussell
Telefon +33 2 282 1045 ▪ join.office@johanniter.org ▪ www.johanniter.org ▪ Reġistrat fil-Belġju (ASBL)

**Editur** Johanniter International ▪ **Illustration** Herwig Holzmann ▪ **Tqassim u disinn** Mag. Julia Kadlec ▪ 08/2021

# Alex, is-supereroina!



Ej, jien Alex.

Għandi ħames snin.



Jien ngħix ma' ħija, Sam, li għandu seba' snin.

Sam dejjem jgħidli x'għandi nagħmel!



Sam jaħseb li jien ma naf xejn għax għadni żgħira, u jaħseb li hu kiber. Imma hu għadu żgħir ukoll.

Jien sempliċiment inħobb

l-avventuri!





Aħna għandna qattus jismu Tiger,

u kelb jismu Rusty.

Rusty dejjem jaħrab.

Aħna għandna garaxx li fih

insewwu l-karozzi.

Il-papà jgħidilna li aħna ma nistgħux

nidħlu fil-garaxx waħidna. Jien ġieli

nidħol nittawwal inkiss inkiss meta

ma jkunx qed iħares.



Imbagħad, inkun nista' npoġġi ġo waħda mill-karozzi, u nilgħab taparsi qed intellaq bil-karozza, u nirbaħ.





Illum ġurnata tassew eċitanti. Se mmorru l-baħar. Jien qomt verament kmieni biex ngħin ħalli nfittxu nlestu, avolja kont qed noħlom li qiegħda fuq ferrovija.

Il-mamà għamlet kafè u marret tqajjem lil Sam. Jien se nagħmel ftit ħobż.



Jekk nitla' fuq siġġu għandi nilħaqha s-sikkina.





Għandi bżonn sikkina biex nidlek il-ħobż, ftit butir, ġobon u ġamm ukoll.

Dan is-siġġu jiżżegleg ftit. Imma jekk nitla' fuq ponot subgħajja nista' nilħaq kulm'għandi bżonn minn fuq l-ixkaffa!



**Għaliex Alex m'għandhiex titla' fuq is-siġġu biex iġġib sikkina?**

“Alex!”

“Inżel minn hemm!”





Sam dejjem jidħol xħin ma nkunx irridu jarani!

“Alex, mur għid lill-papà jiġi. Qiegħed fil-garaxx. Il-mamà u jien sejrin nixtru.”

“U Alex – oqgħod attenta!”

Sam jagħmel ħafna għaġeb –

Jien dejjem noqgħod attenta.



**Dan il-garaxx ta' missier Sam u Alex.**

**Tista' ssib għaxar affarijiet li jistgħu jkunu perikolużi?**

**Tista' ssib lil missier Alex?**



Hekk kif kont sejra nilgħab fil-garaxx,

taparsi ntellaq bil-karozzi, smajt lill-

papà jgħajjat: “Aħħ! Għinuni!”

Kif dħalt fil-garaxx, il-papà staqsa,

“Alex, dik int?”





“Alex, il-karozza waqgħet fuqi.

Weġġajt driegħi. Tista’ ssejjaħ lill-

mamà tiġi tgħinni?”

“Il-mamà ħarġet.

Nista’ ngħinek jien, papà?”

Jiena nista’ nkun eroina!

“Tista’ ċċempel għall-ambulanza?”



Jiena dħalt niġri d-dar biex

inġib it-telefown.

Alex, is-supereroina għas-salvataġġ!





**Alex għandha bżonn iċċempel għall-għajnuna. X'numru għandha ċċempel?**

Alex ċemplet għall-għajnuna

u stenniet tweġiba!



**X'taħseb li l-persuna fuq in-naħa l-oħra tal-linja se tistaqsi lil Alex?**

**Tista' tikteb l-ideat tiegħek fil-kaxxa ta' hawn taħt.**

Ir-raġel fuq it-telefown qalilha,

"Emerġenza, kif nista' ngħinek?"





Staqsieni, “Liema servizz ta’

emerġenza għandek bżonn?”



...Pulizija?...



...Protezzjoni Ċivili?...



...jew Ambulanza?

Jien għedtlu, “Ambulanza

jekk jogħoġbok.”





Minnufih kellmitni mara, u qaltli,

“Ambulanzi, tista’ tgħidli x’jismek u

l-indirizz?”

Jien għedtilha, “Jisimni Alex u għandi ħames snin.” U għedtilha l-indirizz. Il-mamà għallmitni l-indirizz bl-amment f’każ li xi darba nintilef.



**Kun żgur li inti titgħallem l-indirizz tiegħek bl-amment. Tista’ titlob lil xi ħadd jiktibhulek xi mkien fejn tkun tista’ ssibu f’każ ta’ emerġenza.**



“Tajjeb Alex. Tista’ tgħidli x’ġara?”

Jien kont imbeżżgħa ħafna u eċitata biex nitkellem, imma ridt żgur ngħidilha x’ġara lill-papa!





“Brava, Alex!” qaltli. “Aħna se nibagħtulkom l-ambulanza. Inti mur oqgħod ħdejn il-papà.”

Il-mara ta’ fuq it-telefown qaltli li jien kont brava, u li għamilt kollox kif suppost u li jien kont eroina!

**Xi drabi, meta ċċempel għall-għajnuna, il-persuna fuq it-telefown tgħidlek x’għandek tagħmel biex tgħin sakemm tasal l-ambulanza.**

**X’taħseb li huma dawk l-affarijiet li jistgħu jgħinu lil missier Alex? Tista’ tikteb l-ideat tiegħek hawn taħt.**

Meta waslet l-ambulanza, it-tnejn min-nies li kien hemm fl-ambulanza għenu lill-papà joħrog minn taħt il-karozza. Huma għamlulu faxxa ma' driegħu.





Daħħluna t-tnejn fl-ambulanza u ħaduna l-isptar. Jiena qatt ma kont dħalt ġo ambulanza qabel.

Il-mamà u Sam ġew l-isptar iktar tard. Ħadna lill-papà d-dar bil-ġibs ma' driegħu, u kollha kemm aħna qgħadna niktbu u npenġulu fuqu.





Dakinhar spiċċajna ma morniex il-baħar, imma morna l-għada. Jien ma tantx inkwetajt li kelli nistenna, għax li rkibt ġo ambulanza kienet iktar eċitanti milli nimmaġinani li kont xi pirata. Imma fuq kollox kont kuntenta li l-papà kien tajjeb.



Talli kont eroina, il-mamà u l-papà xtrawli pizza, u dakinhar filgħaxija ħallewni nidħol norqod iktar tard mis-soltu!

# Dwar JOIN

Johanniter International (JOIN) hija s-sħubija tal-erba' Ordnijiet protestanti ta› San Ġwann u l-organizzazzjonijiet karitattivi nazzjonali tagħhom. L-organizzazzjonijiet membri tagħna li huma bbażati fl-Ewropa u l-Lvant Nofsani, jaħdmu f›kooperazzjoni bejniethom u huma appoġġati minn aktar minn 100,000 voluntier. Huma jservu lill-umanità permezz ta' servizzi mediċi u tal-ewwel għajnuna, kura soċjali, għajnuna internazzjonali, għajnuna f›diżastri u xogħol fost iż-żgħażagħ. Is-servizzi tal-organizzazzjonijiet membri ta' JOIN huma miftuħa għal kulħadd. Fil-qalba tal-valuri tagħna hemm il-wirt Nisrani tagħna li jnebbaħ ħidmietna.

L-uffiċċju ċentrali ta' JOIN fi Brussell jippromwovi l-interessi tal-organizzazzjonijiet karitattivi tal-Ordnijiet ta' San Ġwann fl-istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali u jiffaċilita wkoll il-proġetti internazzjonali u l-gruppi ta' ħidma tagħhom.

**Għal aktar informazzjoni ikkuntattja l-uffiċċju tagħna fi Brussell fuq join.office@johanniter.org jew www.johanniter.org.**




johanniter
international